MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 204/2003

**Vodafone Malta Limited**
**vs**

**Joseph Penza**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Jannar, 2003, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tlettax-il lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm313.86) bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99486060. Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' nadempjenti.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta’ Dr. Michael Grech ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett mija u tlettax-il lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm313.86) bl-imghax legali mill-11 ta’ Frar, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**